# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Frar 2001**

**Numru 4**

**Citaz. numru 786/87 DS**

L-Avukat Dottor Austin Sammut ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "Thos. C. Smith Insurance Services Limited" u dina bhala agent tas-socjeta` estera "Eagle Star Insurance Company Limited"

vs

(1) David Jones u Carmelo Galea bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "Valletta Freight Services Limited", u dina bhala agent tas-socjeta` estera "TARROS s.p.a." (Traghetti Autotrasporti Rapidi Regione Organizzazione Sarda), operaturi ta' servizz ta' "containers" u armaturi tal-vapur "VENTO DI PONENTE"

(2) Godwin Abela u Alfred E. Aquilina bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "The Cargo Handling Company Limited"

Illum, 16 ta’ Frar 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-16 ta’ Ottubru 1987 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi s-socjeta “G. Grech Bros. Limited” importat gewwa Malta “54 cartoni Household appliances and spare parts”, kif jirrizulta mill-annessa polza ta’ kariku (Dok. A) – u dawn gew mghobbija fi “groupage container”, imbaghad fuq il-vapur “VENTO DI PONENTE” f’La Spezia, l-Italja;

Illi wara din il-merkanzija kienet waslet Malta fl-20 ta’ Ottubru 1986 u nhattet minn fuq l-imsemmi vapur fl-istess data, din giet konsenjata lill-importatur fil-31 ta'’Ottubru 1986 b'ghaxar (10) kartuni mqattghin u miftuhin u b’erbghin (40) bicca merkanzija nieqsa minnhom, u cioe’ “7 slicers, 2 juice extractors, 11 blenders estate, 12 sandwich toasters u 8 hand mixers”, kif jirrizulta mill-anness “survey report” (Dok. B)

Illi s-socjeta’ assikurattrici “Eagle Star Insurance Company Limited” hallset lill-importaturi s-somma ta’ hames mija u tlieta w hamsin lira u sitta w hamsin centezmu (Lm553.56) bhala kumpens ghan-nuqqasijiet relattivi, kif jirrizulta mill-annessa ricevuta (Dok. C), u b’hekk l-istess socjeta’ attrici giet surrogata fid-drittijiet taghhom;

Illi l-konvenuti nomine jew wiehed minnhom huwa responsabbli ghal dawn in-nuqqasijiet;

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li huma jew min minnhom huma responsabbli ghan-nuqqasijiet imsemmija; u

2. konsegwentement, tikkundannahom jew min minnhom ihallas is-somma ta' Lm553.56.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mis-26 ta' Marzu 1987 data tal-pagament relattiv in rifuzjoni, kontra l-konvenuti nimine li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela et nomine fejn qalu:

1. Illi preliminarjament il-konvenuti nomine ma ghandhom ebda relazzjoni guridika mas-Socjeta' estera "Eagle Star Insurance Company Limited" iccitata fl-okkju tac-citazzjoni.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess rigward l-interessi reklamati li l-ammont ta' danni allegati jrid jigi likwidat minn din il-Qorti l-imghax ghandu jiddekorri biss mid-data ta' tali likwidazzjoni minn din il-Qorti u dan l-ammont ghalhekk jigi stabbilit biss permezz tas-sentenza u ghalhekk l-interessi jghoddu biss mid-data tas-sentenza.

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall dak premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti nomine qdew il-funzjonijiet taghhom relattivament ghall-merkanzija "de quo" bid-diligenza mistennija minnhom.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjoniiet tal-konvenuti David Jones et nomine fejn qalu:

1. Illi fl-ewwel lok l-attur nomine irid jipprova li hu verament vestit bir-rappresentanza gjudizzjarja tas-socjeta’ attrici ghax ma jirrizultax li hu direttur taghha.

2. Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, is-socjeta’ marittima konvenuta ma kienitx responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat allegati fil-merkanzija, ghax l-ewwel irid jigi pruvat li dawn telghu qawwijin u shah abbord, u xi danni ohra zgur li setghu saru fl-art wara li l-merkanzija giet skarikata, u ghalhekk is-socjeta’ konvenuta rappresentata mill-esponenti ma tista’ qatt tigi ritenuta responsabbli ghal dawn id-danni.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digrieti li bihom gew nominati konsekuttivament l-Avukat Dottor Stefan Meilak bhala perit legali (digriet tat-30 ta’ Mejju 1988), l-Avukat Dottor Anthony DeGaetano bhala assistant gudizzjarju (digriet ta’ l-24 ta’ Jannar 1990), u l-Avukat Dottor Anton Micallef bhala perit legali (digriet ta’ l-4 ta’ Novembru 1991);

Rat il-verbali tax-xhieda u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-atti processwali jirrizulta li l-unici xhieda li gew prodotti mill-attur nomine kienu l-ufficjal tad-Dwana Peter Paul Bonnici li xehed quddiem il-perit legali Dr. Anton Micallef fis-seduta tas-17 ta' Jannar 1994 u s-surveyor Joseph Pace li xehed quddiem din il-Qorti fis-17 ta' Mejju 2000. Sussegwentement xehdu Mario Tellus, impjegat mas-socjeta` Valletta Freight Services Ltd. (seduta tal-15 ta' Novembru 2000) u Peter Bonello, impjegat mas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. (seduta tad-9 ta' Jannar 2001).

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta` G. Grech & Bros. Ltd. kellha timporta gewwa Malta 54 *cartons household appliances*. Il-konsenja kienet mghobbija go *groupage container* li twassal Malta permezz tal-vapur VENTO DI PONENTE fl-20 ta' Ottubru 1986. Mit-*tally sheet* (Dok. MT1) esebit minn Mario Tellus jidher li kien hemm *"1 ctn open contents complete"* u *"15 sealing tape not original"*. Din l-istess informazzjoni giet korroborata mid-*damage report* (Dok. PB) esebit minn Peter Bonello fejn insibu ndikat *"of which 15 ctns landed retaped and 1 ctn landed open"*. Mill-istess *tally sheet* jirrizulta li mill-*container* inhattu 54 *cartons*. Filwaqt li l-*container* tnizzel mill-vapur fl-20 ta' Ottubru 1986, gie *destuffed* fit-23 ta' Ottubru 1986 u l-merkanzija baqghet taht il-kustodja tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd.
Sad-29 ta' Ottubru 1986 meta marret in-New Port Bonded Stores.

L-ufficjal tad-Dwana Peter Paul Bonnici xehed li l-Bonded Stores ircieva zewg *cartons* neqsin. Barra minn hekk meta gie biex jirrilaxxja l-merkanzija lill-importatur fil-31 ta' Ottubru 1986 huwa fetah 24 kartuna biex jaccerta ruhu li l-merkanzija kienet tikkonsisti f'dak li kien hemm

deskritt fil-fatturi tas-socjeta` importatrici u sab numru ta' oggetti neqsin li elenkahom fid-Dok. PPB1 minnu esebit.

Stranament mis-*survey report* jidher li meta sar is-*survey* (u dan mill-istess dokument jirrizulta li sar fil-mahzen tas-socjeta` importatrici) gew spezzjonati 54 kartuna nonostante li mid-dokument PPB1 jidher li kienu waslu d-depost 52 kartuna u nonostante li s-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd. irrilaxxjat *discharge note* (Dok. PPB5) ghal 52 kartuna. Sahansitra l-*claim* li sar mis-socjeta` importatrici kienet tirrigwarda 40 *item* filwaqt li d-Dok. PPB1 jindika 51 *item*.

Fil-fehma tal-Qorti mill-provi li tressqu mis-socjeta` attrici ma jirrizultax meta sehh in-nuqqas ilmentat. L-ewwelnett jirrizulta li meta l-merkanzija giet *destuffed* kien hemm hmistax-il kartuna li kienu *retaped*, cioe` li ma kellhomx it-*tape* originali li jkun ghamel l-esportatur. Ghalhekk ma jistax jigi eskluz li n-nuqqas seta' gara qabel ma l-merkanzija ddahlet fil-*container*. Ukoll, ghalkemm mix-xiehda ta' Peter Paul Bonnici jidher li d-depost kienu ddahlu 52 kartuna, m'hemm l-ebda indikazzjoni tal-kondizzjoni li fiha ddahlu; huwa jghid li fetah 24 kartuna izda ma jsemmi xejn dwar jekk kinux imqattghin, danneggjati jew bit-*tape* maqlugh. Anzi fid-Dok. PPB4 kull ma nsibu hija referenza ghall-konsenja li kien hemm *"15 retaped"* u *"1 open"*, jigifieri semmai l-istess kondizzjoni li fiha gew *destuffed*. U huwa ferm insolitu li ssir *claim* ghal ammont izghar minn dak li suppost instab nieqes. Ghalhekk il-mistoqsija tigi wahedha: iz-zewg kartuniet l-ohra nstabu? Fis-*survey report* m'hemm l-ebda indikazzjoni li kien hemm xi kartuna nieqsa.

Ghaldaqstant fil-fehma tal-Qorti s-socjeta` attrici ma rnexxilhiex tipprova li ghan-nuqqasijiet lmentati kienu responsabbli s-socjetajiet konvenuti.

Ghal kull bwon fini jinghad ukoll li fir-rigward tas-socjeta` Valletta Freight Services Ltd. jirrizulta mix-xiehda mhux kontradetta ta’ Mario Tellus li din is-socjeta` m’ghadhiex tirrapprezenta lis-socjeta` estera TARROS s.p.a.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur